MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 11 – 4 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 06 ta' Ottubru 2022**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv fi 28 Ċentru Parrokkjali, Triq San Edwardu, Ħal Qormi, u b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |
| Sindku Marsaskala | Is-Sur Mario Calleja |
| Sindku Santa Luċija | Is-Sa Charmaine St John |
| Kunsilliera Ħal Għaxaq | Is-Sa Rose Agius |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |
| Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Marsa | Is-Sur Josef Azzopardi |
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Stephen Sultana |
| Sindku Żejtun | Is-Sa Doris Abela |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Deputat President/Sindku Gudja | Is-Sa Marija Sara Vella |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |

ASSENTI

| | |
|---|---|
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 11.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

11.1.1 Il-President qara ittri ta' apoloġija mibgħuta mis-Sindki tal-Gudja u ta' Marsaxlokk fejn taw ir-raġuni għaliex ma setgħux jattendu.

11.1.2 Il-Membri preżenti approvaw l-apoloġiji b'mod unanimu.

## 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

11.2.1 Il-President ressaq il-Minuti tal-għaxar (10) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġiżlatura, li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant, ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

11.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Josef Masini Vento u ssekondata mis-Sa Rose Agius, il-Membri Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

## 11.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Reġjun Kulturali 2023**

11.3.1 Il-President qal li l-Kunsill Reġjonali qed jilqa' proposti għal attivitajiet li jesponu l-kultura u l-arti fir-reġjun mingħand Kunsilli Lokali, għaqdiet kulturali u għaqdiet mhux governattivi. Hu qal li dawn il-proposti se jkunu qed jintlaqgħu sas-17 ta' Novembru u jiġu evalwati minn bord maħtur apposta. Il-pjan hu li sal-aħħar ta' Novembru jkollna l-programm konkluż.

**- Direttur Artistiku**

11.3.2 Il-President semma' kif id-direttur artistiku li se jkun qed jikkoordina l-programm u l-attivitajiet b'rabta mar-Reġjun Kulturali bagħat il-proposta bis-servizzi u l-kwotazzjoni għas-servizzi tiegħu li jkopru l-perjodu minn Ottubru 2022 sa Diċembru 2023. Il-President ressaq id-dokument għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

11.3.3 Il-Membri preżenti ddiskutew il-proposta u l-kwotazzjoni tad-direttur artistiku u taw l-approvazzjoni tagħhom b'mod unanimu.

**- Southern Region Local Council's Race**

11.3.4 Il-President ħabbar li l-Kunsill Reġjonali qed jikkollabora ma' Malta Equidrome sabiex is-sena li ġejja ssir l-ewwel edizzjoni tas-Southern Region Local Council's race. Din l-attività se tkun qed issir permezz ta' fondi mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u se tkun tinkludi tiġrija minn tnax-il żiemel tal-aqwa kategorija li se jkunu qed jirrappreżentaw lill-Kunsilli Lokali tar-reġjun.

**- Sejħa għall-Ġbir tal-Iskart Domestiku**

11.3.5 Il-President semma' kif il-Bord tal-evalwazzjoni tat-tender għall-ġbir tal-iskart domestiku fuq bażi reġjonali wasal biex itemm il-proċess tal-evalwazzjoni.

**- Kaleici Old Town Festival**

11.3.6 Il-President irrefera għal dan il-festival u qal li r-rappreżentanti mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar u rappreżentanti minn reġjuni oħra se jkunu qed jitilqu lejn it-Turkija fil-jiem li ġejjin sabiex jipparteċipaw f'dan l-avveniment.

**- Żjara f'Evora**

11.3.7 Il-President qal li din iż-żjara marret tajjeb u r-rappreżentanti mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar ġew milqugħa ħafna mill-Muniċipju ta' Evora. Jeżistu ħafna similaritajiet bejn iż-żewġ postijiet u hemm lok għal aktar kollaborazzjoni bejn iż-żewġ partijiet. Qed jiġu ppjanati aktar inizjattivi u attivitajiet ma' dan il-Muniċipju.

**- Tenders għal Servizz ta' DPO u Servizz ta' Konsulent Legali**

11.3.8 Il-President qal li fil-jiem li ġejjin għandhom jiġu ffirmati l-kuntratti mal-operaturi li rebħu t-tenders sabiex jibdew joffru s-servizzi tagħhom lill-Kunsill Reġjonali u l-Kunsilli lokali fir-reġjun.

**- Laqgħa ta' Konsultazzjoni  dwar l-Istrateġija tal-Gvern Lokali**

11.3.9 Il-President fakkar fil-laqgħa ta' konsultazzjoni dwar l-Istrateġija tal-Gvern Lokali li se ssir fis-16 ta' Novembru 2022 u qal li s'issa kkonfermaw l-attendenza sittax-il persuna biss. Hu ħeġġeġ għal aktar parteċipazzjoni mis-Sindki u l-Kunsilliera għax l-istrateġija se tkun qed tolqot lill-lokalitajiet kollha u hi mmirata sabiex ittejjeb il-kwalità tal-ħajja tar-residenti.

**- Kummenti**

11.3.10 Waqt il-ħin allokat għall-kummenti, s-Sur Mario Calleja rrefera għall-inizjattiva tal-Kunsill Reġjonali 'Nsaħħu s-Settur Kulturali u Artistiku', u qal li l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala ssottometta applikazzjoni għal għajnuna finanzjara għal tiżjin fit-toroq fi żmien il-Milied. Hu żied jgħid li minħabba tnaqqis ta' fondi li kienu jiġu minn sorsi oħra u minħabba l-investiment li sar fiċ-Ċentru Ċiviku, il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala qed isib diffikultà biex jiġu mżejna t-toroq tal-lokalità u għalhekk qed jitlob sabiex l-għajnuna finanzjarja, għal din id-darba, tiġi rduppjata.

11.3.11 Il-President qal li f'każi bħal dawn, il-Kunsill Reġjonali għandu jassisti u jgħin skont il-bżonn. Hu talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti sabiex tintlaqa' t-talba tas-Sur Calleja.

11.3.12 Il-Membri preżenti approvaw it-talba tas-Sur Calleja b'mod unanimu.

## 11.4 Skeda ta’ Pagamenti;

11.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta’ pagamenti bin-numru ta’ referenza 10/22A u 10/22B li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

11.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sa Charmaine St John u ssekondata mis-Sur Mario Calleja, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

## 11.5 Evalwazzjoni u Studju dwar l-Impatti Soċjali;

11.5.1 Il-President ħabbar li l-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà qed toffri li twettaq din l-evalwazzjoni u l-istudju dwar l-Impatti Soċjali b’mod mill-aktar professjonali u bi prezz speċjali. Hu ressaq dokument mibgħut mill-Fakultà li jispjega l-mod li bih se jsir l-istudju, l-aspetti li se jkopri u l-ħlas li se jkun dovut. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

11.5.2 Il-Membri preżenti ddiskutew u approvaw id-dokument u l-kwotazzjoni b’mod unanimu.

## 11.6 Kuntratt għal Servizz ta’ Accountant tal-Kunsill Reġjonali;

11.6.1 Il-President semma’ kif il-kuntratt għal servizz ta’ accountant mal-Kunsill Reġjonali wasal biex jagħlaq fl-aħħar ta’ din is-sena u ngħatat direzzjoni mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali biex terġa’ tinħareġ sejħa pubblika ġdida skont ir-regolamenti u l-proċeduri stabbiliti. Hu talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti sabiex jibdew il-proċeduri mad-Dipartiment tal-Kuntratti għall-ħruġ tas-sejħa pubblika.

11.6.2 Il-Membri taw l-approvazzjoni tagħhom b'mod unanimu.

## 11.7 Affarijiet Oħra;

**- Rapporti tal-progress tal-uffiċjali maniġerjali**

11.7.1 Il-President ippreżenta r-rapporti tal-progress tal-uffiċjali maniġerjali tal-Kunsill Reġjonali u, filwaqt li ta spjega tagħhom, qal li jinsab sodisfatt bil-prestazzjoni tat-tim maniġerjali kollu. Hu żied jgħid li l-ħidma tagħhom issa qed tinħass sew fil-Kunsilli Lokali tar-reġjun permezz tal-assistenza professjonali li qed tingħata minnhom. Hu talab għall-approvazzjoni tar-rapporti qabel dawn jintbagħtu lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

11.7.2 Il-Membri preżenti approvaw ir-rapporti tal-progress b'mod unanimu.

**- Skema Nsaħħu s-Settur Kulturali u Artistiku**

11.7.3 Il-President irrefera għal din l-iskema ta' għajnuna finanzjarja mill-Kunsill Reġjonali u qal li s'issa, ħames Kunsilli Lokali biss bagħtu l-proposti tagħhom sabiex jibbenefikaw minn din l-iskema. Hu ħeġġeġ lill-kumplament tal-Kunsill Lokali sabiex jibagħtu l-proposti tagħhom sal-laqgħa reġjonali li jmiss, qabel tagħlaq l-iskema.

**- Festival tradizzjonali tal-inbid**

11.7.4 Il-President ħabbar li qed isiru diskussjonijiet ma' kollaboraturi esterni sabiex is-sena li ġejja jiġi organizzat festival tradizzjonali tal-inbid. Din tista' tkun waħda mill-attivitajiet b'rabta mar-Reġjun Kulturali.

**- Proposta għal inizjattiva mmirata sabiex tħajjar lit-tfal jipparteċipaw fl-isport**

11.7.5 Il-President ressaq proposta mill-managers tal-Kunsill Reġjonali flimkien ma' kollaboraturi esterni għal inizjattiva mmirata biex tħajjar lit-tfal jipparteċipaw fl-isport. Hu ta dettalji tal-proposta u tal-estimi finanzjarji sabiex tiġi implimentata.

11.7.6 Il-Membri preżenti approvaw l-inizjattiva b'mod unanimu.

**- Waste Reduction Week**

11.7.7 Il-President ressaq proposta għal inizjattiva mill-maniġer responsabbli mill-immaniġġjar tal-iskart sabiex tiġi implimentata matul il-waste reduction week. Hu ta' dettalji tal-proposta u tal-estimi tagħha. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

11.7.8 Il-Membri preżenti approvaw il-proposta b'mod unanimu.

**- Skema Proġetti fil-Komunitajiet**

11.7.9 Il-President ressaq proposta għal applikazzjoni sabiex tiġi sottomessa f'isem il-Kunsill Reġjonali għal fondi mill-Iskema Proġetti fil-Komunità finanzjata mill-Aġenzija LESA. Hu ta dettalji tal-proposta u talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

11.7.10 Il-Membri preżenti approvaw is-sottomissjoni tal-applikazzjoni b'mod unanimu.

**- Innovative Technology in Local Communities Scheme**

11.7.11 Il-President ressaq proposta għal applikazzjoni sabiex tiġi sottomessa f'isem il-Kunsill Reġjonali sabiex jibbenefika minn fondi minn din l-iskema. Hu ta dettalji tal-proposta u tal-estimi tagħha. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

11.7.12 Il-Membri preżenti approvaw is-sottomissjoni tal-applikazzjoni b'mod unanimu.

## 11.8 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

11.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-18.45 u ġiet aġġornata għall-Ħamis 17 ta' Novembru 2022 fil-5.30 pm.

Konfermati llum ______________________.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | Philip Carabott |
| President | Segretarju Eżekuttiv |